**Fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Malta)**

**Onor. Imħallef Dr. Doreen Clarke LL.D**

**Rikors Ġuramentat Numru 651/2021 DC**

***Charles James Schembri, u***
***Grace Schembri***

***vs***

***Khaled Yassine, u***
***Dua El Saadi***

**Illum, 8 ta' April 2024**

**Il-Qorti**

Rat **ir-Rikors Ġuramentat ta' l-atturi** ppreżentat fil-5 ta' Lulju 2021 permezz ta' liema ppremettew:-

1. *Illi Charles James Schembri avvanza lill-konvenut Khaled Yassine is-somma ta' sittax-il elf seba' mija u tmintax-il Ewro (€16,718.00) rappreżentanti self, u dan permezz ta' cheque wieħed maħruġ fit-12 ta' Diċembru 2017 li kopja tiegħu qiegħda tiġi hawn annessa bħala "DOK: A";*

2. *Illi minkejja li l-konvenuti ġew interpellati sabiex iħallsu l-imsemmija somma ta' sittax-il elf seba' mija u tmintax-il Ewro (€16,718.00), inkluż bl-ittra uffiċjali bin-*numru *2001/2021 li kopja legali tagħha qiegħda tiġi hawn annessa bħala "DOK: B", huma baqgħu inadempjenti mingħajr ebda raġuni valida fil-liġi;*

3. *Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża;*

U wara li hekk ippremettew l-atturi talbu lill-Qorti:-

***(i)*** *tiddikjara li l-konvenuti huma debituri ta' l-atturi fl-ammont ta' sittax-il elf seba' mija u tmintax-il Ewro (€16,718.00);*

***(ii)*** *tikkundanna lill-konvenuti sabiex iħallsu lill-atturi sittax-il elf seba' mija u tmintax-il Ewro (€16,718.00).*

Rat id-degriet tagħha tat-13 ta' Lulju 2023 ai termini ta' liema r-risposta tal-konvenuti (mhux ġuramentata u preżentata tardivament) ġiet sfilzata u l-konvenuti dikjarati kontumaċi.

Semgħet il-provi ta'l-atturi.

Rat li l-konvenuti mgħotija żmien biex jagħmlu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub, ai termini ta'l-artikolu 158(10) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, baqgħu inadempjenti.

Rat l-atti proċesswali.

Ikkunsidrat

Illi huwa ben stabbilit fil-ġurisprudenza li l-kontumaċja mhiex ammissjoni, anzi għandha titqies bħala kontestazzjoni b'mod li l-attur xorta jrid jressaq provi suffiċjenti u jiġġustifika t-talbiet tiegħu.

Illi fid-depożizzjoni tiegħu[1] l-attur Charles Schembri jispjega li hu kien jaħdem ma ħu l-konvenut u dan kien laqqgħu mal-konvenut b'l-għan li jsellfu xi flus. L-attur jgħid li huwa aċċetta u hekk għamel tant li fit-12 ta' Diċembru 2017 tah ċekk maħruġ minn kont mal-Bank of Valletta plc għall-ammont ta' €16,718.00[2] liema ammont kellu jitħallas lura fi żmien sena. L-attur kompla jgħid li minkejja d-dekors taż-żmien l-konvenut baqa' ma rrifondiex il-flus lilu mislufa. Spjega ukoll li huwa kien ikellem kemm lill-konvenut u anke lil ħu l-konvenut pero minkejja li kienu jgħidulu li ser jirranġaw il-konvenut baqa' ma ħallas xejn. L-atturi kienu

[1] A fol 73.
[2] Kopja taċ-ċekk hija esebita bħala Dok A a fol 5.

anke baghtu ukoll ittra uffiċjali lill-konvenuti f'l-14 ta' Mejju 2021[3] pero inutilment.

Illi xehedt ukoll Joanna Bartolo in rappreżentanza tal-Bank of Valletta plc[4]. Hija ikkonfermat li ċ-ċekk imsemmi mill-attur kien fil-fatt inħareg kif qal l-attur. Hija żiedet ukoll li dak iċ-ċekk, li kien maħrġ f'isem il-konvenut ġie iffirmat minnu u depożitat f'kont ta' kumpanija jisimha Vision Operations Ltd fit-12 ta' Diċembru 2018 ukoll. Ix-xhud preżentat kopja taċ-ċekk u tad-*deposit slip*, kif ukoll *statement* tal-kont ta'l-atturi li minnu inħareġ iċ-ċekk u *statement* tal-kont ta' Vision Operations Ltd li fih ġie depożitat iċ-ċekk.

Illi minn dawn il-provi prodotti l-Qorti ma tarax li hemm raġuni għalfejn għandha tiddubita l-verzjoni mgħotija mill-attur u konsegwentement hija sodisfatta li t-talbiet ta'l-atturi huma ppruvati u ġustifikati.

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta u tiddeċidi billi tilqa' t-talbiet ta'l-atturi kif dedotti b'l-imgħaxx legali u l-ispejjez kontra l-konvenuti.

**DR. DOREEN CLARKE**
**IMĦALLEF**

**MARVIC PSAILA**
**DEPUTAT REĠISTRATUR**

---

[3] Ref Dok B a fol 7.
[4] Depożizzjoni a fol 79.